KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 17 ta' Lulju 2006

10633/1/06
REV 1

CONCL 2

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL 15/16 TA' ĠUNJU 2006**<br><br>**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA** |

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuża verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (15/16 ta' Ġunju 2006).

1. Il-laqgħa kienet preċeduta minn exposé mis-Sur Josep Borrell, President tal-Parlament Ewropew, segwita minn skambju ta' fehmiet.

## I. L-EWROPA TISMA'

2. F'Ġunju 2005, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern għamlu sejħa għal perijodu ta' riflessjoni li matulu għandu jseħħ dibattitu wiesa' fl-Istati Membri kollha, bl-involviment taċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, il-parlamenti nazzjonali u l-partiti politiċi, bil-kontribut ta' l-istituzzjonijiet Ewropej. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-diversi inizjattivi meħuda fl-Istati Membri fil-qafas ta' dibattiti nazzjonali, kif ukoll serje ta' avvenimenti organizzati mill-Presidenza Awstrijaka, b'mod partikolari l-Konferenza "Il-Ħoss ta' l-Ewropa" f'Salzburgu fis-27/28 ta' Jannar 2006. Il-Kunsill Ewropew esprima l-gratitudni tiegħu lill-Kummissjoni għall-kontribut tagħha għall-perijodu ta' riflessjoni fil-kuntest tal-Pjan D tagħha u lill-Parlament Ewropew għall-organizzazzjoni, flimkien mal-Parlament Awstrijak, tal-laqgħa parlamentari konġunta dwar "il-Futur ta' l-Ewropa" fit-8/9 ta' Mejju 2006. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri li jkomplu bl-attivitajiet tagħhom immirati lejn l-involviment taċ-ċittadini fid-dibatittu dwar dak li l-Ewropa għandha tirrappreżenta fis-seklu 21. Huwa jilqa' wkoll il-kontribut tal-Kummissjoni "Aġenda taċ-Ċittadin għall-Ewropa".

3. Il-Kunsill Ewropew wettaq l-ewwel valutazzjoni tal-perijodu ta' riflessjoni. Din seħħet abbażi tar-rapport bil-miktub imħejji mill-Presidenza u s-Segretarjat tal-Kunsill li tistrieħ fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar id-dibattiti nazzjonali tagħhom (9701/1/06 REV 1), l-inizjattiva "Pjan D" u l-White Paper dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea. Filwaqt li tqajjem tħassib matul id-dibattiti pubbliċi kollha, iċ-ċittadini jibqgħu impenjati għall-proġett Ewropew. Djalogu msaħħaħ maċ-ċittadini jeħtieġ mezzi u impenn adegwati. Iċ-ċittadini jistennew li l-Unjoni tagħti prova tal-valur miżjud tagħha billi tieħu azzjoni bi tweġiba għall-isfidi u l-opportunitajiet li qed tiffaċċja: tiżgura l-paċi, il-prosperità u s-solidarjetà, issaħħaħ is-sigurtà, tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli u tippromwovi l-valuri Ewropej f'dinja li qed tigglobalizza ruħha malajr.

4. L-impenn ta' l-Unjoni li ssir aktar demokratika, trasparenti u effettiva jmur lil hinn mill-perijodu ta' riflessjoni. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-impenn tiegħu għal Unjoni li twassal ir-riżultati konkreti li ċ-ċittadini jistennew, sabiex issaħħaħ il-kunfidenza u l-fiduċja, kif stabbilit fil-Parti II.

## II. L-EWROPA FIL-PRATTIKA

### *(a) Il-promozzjoni tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja*

5. Progress dwar miżuri miftiehma fil-Programm ta' l-Aja mmirati biex jindirizzaw problemi bħall-immigrazzjoni illegali, it-traffikar ta' bnedmin, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata filwaqt li jiggarantixxu r-rispett tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali ser jiġi valutat f'Diċembru 2006.

6. Sadanittant huma meħtieġa sforzi ulterjuri, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- segwitu għall-progress li sar dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u l-implimentazzjoni ta' l-**acquis ta' Schengen** fl-Istati Membri l-ġodda, il-finalizzazzjoni rapida tal-miżuri leġislattivi dwar il-**kontroll mal-fruntieri** u l-**kooperazzjoni tal-pulizija** u t-tlestija tat-tħejjijiet tekniċi fil-livelli ta' l-UE u f'dawk nazzjonali, sabiex is-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen** issir operattiva sa April ta' l-2007 u s-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi** ssir operattiva fl-2007, biex b'hekk titħejja t-triq għat-tkabbir taż-żona ta' Schengen fl-2007 dment li l-ħtiġiet kollha biex jiġi applikat l-acquis ta' Schengen ikunu ġew sodisfatti, b'konformità mal-Programm ta' l-Aja;
- it-tmexxija 'l quddiem malajr tal-ħidma dwar il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' **Ċentri ta' Applikazzjoni Komuni** u l-ġbir ta' bijometriċi bil-għan tal-viżi u l-bidu ta' proġett pilota, kif ukoll bħat-tmexxija 'l quddiem tal-ħidma dwar kodiċi Komunitarju dwar il-viżi;
- it-tmexxija 'l quddiem tal-ħidma dwar il-**faċilitazzjoni tal-viżi** u l-**ftehim ta' riammissjoni** abbażi tal-proċess u l-konsiderazzjonijiet imniżżla fl-approċċ komuni dwar il-faċilitazzjoni li tibda mill-pajjiżi b'Perspettiva Ewropea kif imsemmi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2003 u ta' Ġunju 2005;

- aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika fl-iżvilupp ta' sistema Ewropea komuni ta' l-**asil**, il-progress rapidu dwar proposti rilevanti inklużi l-emendi għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati kif ukoll dwar **Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali** (l-Ukraina, il-Moldova, il-Belarus, it-Tanzanja);
- il-kisba ta' aktar progress dwar it-tisħiħ tal-**kooperazzjoni** ġudizzjarja kemm fil-**liġi ċivili kif ukoll dik kriminali**, il-finalizzazzjoni b'mod partikolari ta' negozjati dwar drittijiet proċedurali ta' persuni mixlija fi proċedimenti kriminali u fuq id-Deċiżjonijiet Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għall-infurzar ta' sentenzi ta' kustodja u l-protezzjoni tad-*data* personali;
- l-intensifikar tal-**kooperazzjoni tal-pulizija**, b'mod partikolari li jingħata rwol akbar lill-**Europol** għal operazzjonijiet ta' appoġġ;
- it-tkomplija tal-ġlieda kontra **t-traffikar ta' bnedmin**, ibbażata fuq il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE u l-użu sħiħ ta' l-Eurojust, l-Europol u t-Task Force tal-Kapijiet tal-Pulizija.

7 Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-"Dikjarazzjoni ta' Vjenna dwar is-Sħubija fis-Sigurtà" miftiehma mill-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien ta' l-UE fil-Konferenza Ministerjali fi Vjenna fl-4-5 ta' Mejju 2006, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Huwa jieħu nota ta' l-ewwel passi meħuda lejn tali sħubija, per eżempju t-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent biex jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, il-migrazzjoni illegali u t-terroriżmu. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota ta' "l-Inizjattiva ta' Vjenna" dwar kooperazzjoni tripartita futura possibbli fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni bejn l-UE, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u jistieden lill-Presidenzi futuri biex jikkunsidraw kif din l-inizjattiva tista' titmexxa 'l quddiem. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ għal aktar implimentazzjoni rapida ta' l-**Istrateġija għad-dimensjoni esterna tal-ĠAI**, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn il-linji politiċi tal-ĠAI u l-linji politiċi esterni.

8. Fid-dawl tal-kooperazzjoni akbar u l-ħtieġa għal aktar progress ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' transitu fi kwistjonijiet ta' migrazzjoni, b'mod partikolari fir-reġjuni ġirien ta' l-Unjoni, jiġifieri r-reġjuni tal-Lvant, tax-Xlokk u tal-Mediterran, il-Kunsill Ewropew ifakkar l-importanza ta' approċċ bilanċjat u komprensiv. L-iżvilupp ta' l-**Approċċ Globali għall-Migrazzjoni** miftiehem f'Diċembru 2005 huwa prijorità fundamentali għall-Unjoni. Avvenimenti reċenti isaħħu din il-valutazzjoni. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa r-rapport li jmiss mill-Kummissjoni dwar is-segwitu ta' Hampton Court dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà li għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2006. Sadattant il-Kunsill Ewropew:

– jilqa' l-miżuri ta' kooperazzjoni konkreti meħuda mill-Kummissjoni, il-Frontex u xi Stati Membri wara l-avvenimenti reċenti fil-Gżejjer Kanarji u fil-Mediterran. Huwa jsejjaħ għal sforzi msaħħa fuq kooperazzjoni marittima operattiva bil-ħsieb li jiġu żviluppati kapaċitajiet ta' sorveljanza adegwati mal-fruntieri tal-baħar kif ukoll fuq l-istabbiliment ta' Gruppi ta' Intervent Rapidu mal-Fruntiera;
– jissottolinja l-prijorità ta' kooperazzjoni msaħħa dwar il-migrazzjoni mal-pajjiżi Afrikani u pajjiżi ġirien u jsejjaħ għal djalogu bilanċjat dwar il-migrazzjoni ma' l-Istati Afrikani, organizzazzjonijiet reġjonali u l-Unjoni Afrikana permezz ta' konferenza pan-Afrikana dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp;
– jilqa' l-Konferenza Ministerjali Ewro-Afrikana f'Rabat, u konferenzi oħrajn b'fokus reġjonali speċifiku, bħala passi lejn djalogu komprensiv regolari ma' pajjiżi Afrikani kif ukoll it-tnedija ta' djalogu UE-AKP (pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku) dwar il-migrazzjoni (abbażi ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou);
– ifakkar l-impenn tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Barċellona li tinżamm Laqgħa Ministerjali ta' l-EUROMED dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u biex tiġi enfasizzata l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni bħala parti importanti tal-politika tal-viċinat tagħna;
– jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' komunikazzjoni dwar prijoritajiet futuri fil-qasam ta' l-immigrazzjoni illegali u azzjoni ta' segwitu;
– isejjaħ għall-implimentazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-AENEAS dwar il-migrazzjoni, li jipprovdu assistenza finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi b'appoġġ għall-isforzi tagħhom biex jiżguraw ġestjoni aktar effettiva ta' l-aspetti kollha tal-flussi ta' migrazzjoni;

- jirrikonoxxi l-importanza tad-Djalogu fuq Livell Għoli tan-NU li jmiss dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp Internazzjonali u l-ħtieġa għal pożizzjoni komuni ta' l-UE li tintegra l-aspetti ta' l-iżvilupp tal-migrazzjoni b'mod koerenti;
- jagħmel sejħa biex id-diskussjonijiet dwar il-Pjan ta' Politika tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni Legali jitmexxew 'il quddiem.

9. Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni miftiehma taħt l-Istrateġija ta' l-UE **Kontra t-Terroriżmu**, inkluż l-istrateġija kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, biex tiġi aċċelerata. Il-ħidma dwar il-protezzjoni ta' l-infrastruttura kritika għandha titħaffef ukoll. Il-Kunsill Ewropew jistenna l-ewwel programm tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward kif ukoll proposti konkreti dwar teknoloġiji ta' individwazzjoni. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna wkoll biex jiżviluppaw miżuri għall-ġlieda kontra l-użu ħażin ta' l-internet għal finijiet ta' terroriżmu filwaqt li jkunu rispettati d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali.

10. Fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Programm ta' l-Aja, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Presidenza Finlandiża li jmiss, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, biex tesplora l-possibbiltajiet għal titjib tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għal azzjoni fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja abbażi tat-trattati eżistenti.

11. Waqt li jilqa' l-progress miksub fl-istabbiliment ta' l-**Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali**, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa biex jittieħdu l-passi meħtieġa kemm jista' jkun malajr, sabiex l-Aġenzija tibda tiffunzjona mill-1 ta' Jannar 2007.

12. It-titjib ta' l-**abbiltà** ta' l-Unjoni **li tirrispondi għal emerġenzi, kriżijiet u diżastri** ġewwa u barra l-Unjoni jibqa' imperattiv politiku. Meta jseħħu emerġenzi bħal dawn, iċ-ċittadini bir-raġun jistennew rispons rapidu u effettiv. Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-maniġġar ta' emerġenzi fit-territorju tagħhom jew biex jassistu liċ-ċittadini tagħhom barra mill-pajjiż, l-Unjoni Ewropea, fi spirtu ta' solidarjetà attiva, jista' jkollha rwol billi tikkoordina rispons politiku u billi tgħin fl-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' l-assi disponibbli meta tkun mitluba tagħmel dan.

13. Il-Kunsill Ewropew jendorsja r-rapport tal-Presidenza dwar "It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' rispons ta' l-Unjoni għal emerġenzi u kriżijiet" (10551/06) li jistabbilixxi l-bosta passi u deċiżjonijiet prattiċi meħuda għat-titjib tal-koordinazzjoni u t-twassil ta' l-assi disponibbli; għall-kisba rapida ta' assistenza fejn tkun meħtieġa; u għall-għoti ta' protezzjoni konsulari aktar effettiva liċ-ċittadini ta' l-UE f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport ippreżentat minn Michel Barnier f'Mejju 2006 bħala kontribut importanti għad-dibattitu.

14. Bi tkomplija mal-ħidma mwettqa taħt il-Presidenza Awstrijaka, issa għandha tingħata attenzjoni partikolari lil:

- aktar żvilupp tal-kapaċità ta' rispons rapidu ta' l-Unjoni Ewropea abbażi tal-mezzi li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli, inkluż moduli ta' protezzjoni ċivili, li għandhom jiġu identifikati u kkoordinati sabiex dan ir-rispons isir aktar effiċjenti u kapaċi jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għaċ-ċittadin Ewropew;
- implimentazzjoni rapida ta' passi miftiehma u deċiżjonijiet meħuda kif imniżżel fir-rapport tal-Presidenza. Dawn jinkludu l-Arranġamenti ta' Koordinazzjoni ta' l-UE għal Emerġenzi u Kriżijiet, li jistabbilixxu Grupp ta' Tmexxija ta' Kriżijiet ad hoc fi Brussel u għandu jkun operattiv mill-1 ta' Lulju 2006, u r-rakkomandazzjonijiet mis-Segratarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli relatati ma' l-identifikazzjoni u l-koordinazzjoni ta' l-assi militari ta' trasport ta' l-Istati Membri b'appoġġ għal rispons għal diżastri;
- twettiq ta' dawn il-proċeduri u kapaċitajiet u li jiġu meħuda lezzjonijiet minn dawn l-eżerċizzji u mill-esperjenza operattiva nnifisha għat-titjib tar-rispons għal disastri;
- matul il-Presidenza Awstrijaka l-ħidma fuq il-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-rinfurzar tal-**kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili tal-Komunità** tressqet 'il quddiem b'mod ambizzjuż. Il-Kunsill għandu jaħdem għal adozzjoni tad-dispożizzjonijiet legali meħtieġa sa tmiem is-sena.
- kooperazzjoni konsulari aktar mill-qrib fost l-Istati Membri, inkluż assistenza konsulari reċiproka f'reġjuni identifikati minn qabel. Għal dan il-għan, huwa mitlub rapport konġunt mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni fit-tieni nofs ta' l-2006.

15. Il-Kunsill huwa mistieden imexxi 'l quddiem il-ħidma abbażi tas-suġġerimenti li jinsabu fir-rapport tal-Presidenza, bi tkomplija fuq kontribut ulterjuri mill-Kummissjoni u s-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli. Il-Presidenza li jmiss hija mistiedna tirrapporta lill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 dwar il-progress miksub in ġenerali.

***(b) Il-promozzjoni ta' l-istil ta' ħajja Ewropew f'dinja globalizzata***

16. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra l-progress li sar f'diversi mill-oqsma diskussi f'Hampton Court u fl-aħħar Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, bil-għan li jippromwovu l-istil ta' ħajja Ewropew quddiem ix-xejriet ta' globalizzazzjoni u demografiċi.

17. **Mezzi ta' żvilupp sostenibbli** li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni preżenti mingħajr ma jikkompromettu l-kapaċità ta' ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw ħtiġijiethom. Dan huwa objettiv fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. L-iżvilupp sostenibbli huwa dwar il-ħarsien tal-kapaċità tad-dinja li ssostni l-ħajja fid-diversità kollha tagħha. Huwa bbażat fuq id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn is-sessi, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali. Filwaqt li saru kisbiet pożittivi mill-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg, baqa' ħafna sfidi. Għalhekk il-Kunsill Ewropew jadotta Strateġija ta' l-UE għal Żvilupp Sostenibbli mġedda, ambizzjuża u komprensiva (10117/06). L-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija ser tkun monitorjata mill-qrib u segwita mill-Kunsill Ewropew fuq bażi regolari.

18. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar Politika Marittima futura għall-Unjoni u jilqa' t-tnedija ta' dibatittu wiesa' bil-ħsieb tal-proposti li l-Kummissjoni mistennija tippreżenta fil-Ħarifa 2007.

19. **Il-bidla fil-klima** hija problema globali li teħtieġ soluzzjonijiet globali. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jistenna bil-ħerqa l-kontinwazzjoni b'suċċess tad-diskussjonijiet fil-qafas tal-Konvenzjoni Kwadru tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) u taħt il-Protokoll ta' Kyoto sabiex jintlaħaq arranġament f'waqtu għal wara l-2012 li jkun konsistenti ma' l-ilħuq ta' l-objettiv tal-Kunsill ta' żieda massima fit-temperatura globali ta' 2ºC fuq il-livelli pre-industrijali. Il-Kunsill għalhekk ser jagħti imbottatura fil-fora multilaterali rilevanti, inkluż mal-Partijiet kollha għall-UNFCCC, għal djalogu sħiħ u miftuħ dwar azzjoni futura u dwar il-ftehim ta' mira internazzjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Kummissjoni biex tippreżenta mingħajr dewmien rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza fl-implimentazzjoni tad-Direttiva li tistabbilixxi skema ta' negozju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra fil-Komunità, billi tikkunsidra s-sitwazzjoni ta' l-SMEs, u flimkien ma' proposti skond il-każ.

20. L-**Istrateġija ta' Lisbona** mnedija mill-ġdid diġà ġiet iffukata mill-ġdid fuq dawk il-kwistjonijiet l-aktar importanti għaċ-ċittadini, l-impjieġi u t-tkabbir, b'koerenza sħiħa ma' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli; ingħata enfasi speċjali lill-investiment fit-tagħrif u l-innovazzjoni, il-potenzjal ta' kummerċ, speċjalment ta' Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs), u l-impjieg ta' kategoriji ta' prijorità. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri li jwettqu b'mod vigoruż l-Istrateġija ta' Lisbona u li jiżguraw il-funzjonament tajjeb ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Fis-sena sa l-ewwel trimestru ta' l-2006, in-numru ta' persuni impjegati fl-UE żdied b'1,8 miljun.

21. Il-Kunsill Ewropew b'mod partikolari:

- jilqa' l-ftehim milħuq fil-Kunsill dwar id-**Direttiva tas-Servizzi** u jagħmel sejħa għal konklużjoni rapida tal-proċess leġislattiv;
- ifakkar fl-importanza ta' **ambjent regolatorju** sempliċi, trasparenti u faċli biex jiġi applikat u li tiġi msaħħa l-kunfidenza tal-konsumatur u tal-kummerċ fis-**suq intern**;
- jissottolinja l-importanza **tas-Suq Uniku**, jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għal reviżjoni ġenerali tiegħu, li għandha tiġi segwita bi proposti konkreti għall-ikkompletar tas-suq intern u li tiżgura l-funzjonament effettiv tiegħu; rapport interim ser jiġi ppreżentat qabel il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007;

- jisħaq dwar l-importanza tad-**dimensjoni soċjali** ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni. Huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikkunsidra r-realtajiet soċjali fl-UE u jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ rapport interim qabel il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007; il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament għandhom jagħtu attenzjoni dovuta lill-impatt soċjali tal-leġislazzjoni Ewropea, inkluż perspettiva skond is-sessi, kif imniżżel fil-Patt għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, fil-valutazzjoni integrata ta' l-impatt;
- jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex taċċellera ħidma dwar l-inizjattivi mfissrin fil-komunikazzjoni tagħha dwar **il-politika industrijali** bil-ħsieb li jittieħed kont ta' progress fl-ewwel nofs ta' l-2007;
- jissottolinja l-ħtieġa għal investiment **fit-tagħrif u l-innovazzjoni**, jilqa' l-ftehim finali dwar il-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni u jagħmel sejħa għall-adozzjoni rapida tas-Seba' Programm Kwadru, kif ukoll tal-Faċilità ta' qsim tar-riskju ta' l-EIB biex jiġu appoġġati l-innovazzjoni u l-R&Ż;
- jagħmel sejħa għal segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-isfidi li ġejjin għall-**universitajiet** u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jippromwovu l-eċċellenza u jrawmu l-immodernizzar, ir-ristrutturar u l-innovazzjoni fis-settur ta' l-edukazzjoni ogħla sabiex jinfetaħ il-potenzjal tiegħu u jiġi sostnut l-impetu ta' l-Ewropa għal aktar tkabbir u impjiegi;
- jafferma mill-ġdid li l-**Istitut Ewropew għat-Teknoloġija** (IET), f'ħidma ma' istituzzjonijiet nazzjonali eżistenti, se jkun pass importanti lejn it-tneħħija tad-distakk eżistenti bejn l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni flimkien ma' azzjonijiet oħrajn li jsaħħu n-networking u s-sinerġiji bejn komunitajiet ta' riċerka u innovazzjoni eċċellenti fl-Ewropa. Huwa jistenna bil-ħerqa li jirċievi l-proposta formali tal-Kummissjoni għall-istabbiliment tiegħu, li se tkun ippreżentata fil-ħarifa ta' l-2006, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Istati Membri u l-partijiet interessati;
- jenfasizza l-importanza li jkunu indirizzati kwistjonijiet ta' interess dirett għaċ-ċittadini bħal **sigurtà fl-ikel u protezzjoni tal-konsumatur,** u f'dan il-kuntest jilqa' l-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-**politika tal-konsumatur** (2007-2013);

- jenfasizza l-valur miżjud tal-konġunzjoni tal-forzi fil-ġlieda kontra **mard rari** bħal epidermolysis bullosa u MPS, b'attenzjoni partikolari għat-tfal. Huwa jilqa' attivitajiet ta' riċerka fil-kuntest tas-Seba' Programm Kwadru bil-ħsieb li jkunu żviluppati interventi preventivi, dijanjostiċi u terapewtiċi u jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-isforzi ta' l-Istati Membri f'dan ir-rigward billi jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti rilevanti ta' l-UE speċjalment fil-qasam tar-riċerka u s-saħħa pubblika.

22. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew għamel sejħa għal **Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa** u stieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iħejju sett ta' azzjonijiet bi skeda ta' żmien ċara li tippermettilu jadotta Pjan ta' Azzjoni prijoritizzat fil-laqgħa tiegħu tar-Rebbiegħa 2007.

23. L-aspetti esterni tas-sigurtà fl-enerġija se jikkostitwixxu parti importanti minn tali politika ġenerali u jkunu jridu jiġu inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kunsill Ewropew għaldaqstant jilqa' d-dokument konġunt mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, li huwa bażi solida għal politika esterna mmexxija fi spirtu ta' solidarjetà u maħsuba biex tiżgura flussi ta' enerġija affiddabbli, abbordabbli u sostenibbli ġewwa l-Unjoni. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu kont debitu ta' dan meta tfassal ir-Reviżjoni Strateġika. Huwa jissottolinja l-importanza ta' l-użu tal-linji politiċi u l-istrumenti disponibbli kollha biex tkun appoġġata l-azzjoni esterna f'dan il-qasam.

24. Sadattant, peress li hemm ħtieġa kontinwa biex l-UE twieġeb għall-kompetizzjoni dinjija għall-aċċess għal sorsi ta' l-enerġija li qed isiru dejjem aktar skarsi, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex imexxu 'l quddiem il-ħidma dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika esterna ta' l-enerġija b'mod koerenti u koordinat, bl-użu sħiħ ta' l-istrumenti disponibbli kollha inklużi l-PESK u l-PESD. Din għandha tinkludi l-iżvilupp ta' sħubiji strateġiċi mal-produttur ewlieni, ma' pajjiżi ta' transitu u konsumaturi u inizjalment tikkonċentra fuq il-prijoritajiet li ġejjin:

– li jiġu konklużi n-negozjati tal-Protokoll tal-Karta ta' l-Enerġija dwar it-Transitu u tiġi żgurata r-ratifika tat-Trattat dwar il-Karta dwar l-Enerġija mill-firmatarji kollha għall-Karta;
– li l-Kummissjoni tiġi mistiedna tistabbilixxi elementi għal ftehim mar-Russja dwar l-enerġija fil-qafas tas-suċċessur għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni;

- li s-suq intern ta' l-UE fl-enerġija jiġi estiż għall-ġirien tagħha (inkluża l-espansjoni tat-Trattat Komunitarju ta' l-Enerġija);
- li jsir użu aħjar mill-mekkaniżmu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) biex jissaħħu aktar l-objettivi tal-politika ta' l-enerġija ta' l-UE; djalogu msaħħaħ ma' l-Alġerija jkun partikolarment rilevanti;
- li jingħata appoġġ sħiħ lil proġetti ta' infrastruttura kompatibbli ma' konsiderazzjonijiet ambjentali u mmirati biex jinfetħu rotot ġodda ta' provvista bil-ħsieb li jkunu diversifikati l-importazzjonijiet ta' enerġija li jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha;
- li jiġu integrati b'mod sħiħ l-objettivi ta' l-UE dwar l-enerġija fil-politika tagħha dwar il-kummerċ u dawn jiġu mwettqa, permezz tad-WTO, kif meħtieġ;
- li tingħata importanza partikolari lill-enerġija fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' l-Unjoni ġeneralment ma' msieħba prinċipali minn pajjiżi terzi.

25. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa biex jiġu diversifikati aktar is-sorsi tal-provvista ta' l-enerġija, jiġi promoss l-iżvilupp ta' l-enerġiji rinnovabbli u jsir użu aktar effiċjenti ta' l-enerġija. Huwa jfakkar f'dan il-kuntest li hu f'idejn kull Stat Membru li jagħżel it-taħlita ta' enerġija tiegħu.

26. L-Unjoni Ewropea se tkompli tippromwovi attivament id-djalogu bejn il-kulturi u ċ-ċivilizzazzjonijiet permezz tal-mekkaniżmi eżistenti kollha, inklużi l-Proċess ta' Barċellona, il-Fondazzjoni Anna Lindh u l-Alleanza taċ-Ċivilizzazzjonijiet. Se tingħata enfasi partikolari lir-rwol li kemm il-medja ħielsa u s-soċjetà ċivili kif ukoll il-promozzjoni tagħha jista' jkollha f'dan ir-rigward.

27. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-laqgħa ma' rappreżentanti ewlenin ta' knejjes u komunitajiet reliġjużi organizzata mill-Presidenza u l-Kummissjoni Ewropea fi Brussel fit-30 ta' Mejju 2006.

28. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjoni tal-Ftehim Inter-Istituzzjonali dwar il-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013 li jipprovdi lill-Unjoni l-mezzi li bihom twettaq il-linji politiċi tagħha u jisħaq dwar l-importanza li jiġu adottati malajr l-istrumenti legali meħtieġa.

29. Il-Kunsill Ewropew jifraħ lis-Slovenja dwar il-konverġenza miksuba mill-adeżjoni ma' l-UE 'l hawn, ibbażata fuq linji politiċi ekonomiċi u finanzjarji sodi, u jilqa' s-sodisfazzjon min-naħa tas-Slovenja tal-kriterji ta' konverġenza kollha kif stabbiliti fit-Trattat. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li s-Slovenja għandha tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2007. Dan l-ewwel tkabbir taż-żona ta' l-euro biex jinkludi wieħed mill-Istati Membri l-ġodda hu pass 'il quddiem sinifikanti u estremament pożittiv fl-integrazzjoni ekonomika u monetarja ta' l-Unjoni.

30. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar ukoll lil-Litwanja għall-konverġenza li kisbet s'issa u jesprimi l-appoġġ tiegħu għal-linji politiċi orjentati lejn l-istabbiltà ta' l-awtoritajiet Litwani.

### *(ċ) Titjib ta' l-effiċjenza, il-koerenza u l-viżibbiltà tal-linji politiċi esterni ta' l-Unjoni*

31. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress sostanzjali li sar fir-rigward ta' **l-istrumenti l-ġodda ta' azzjoni esterna** u jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet jilħqu ftehim rapidu dwar il-kwistjonijiet pendenti mill-aktar fis possibbli sabiex ikun garantit l-għoti ta' assistenza mill-1 ta' Jannar 2007.

32. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dokument "L-Ewropa fid-Dinja" ppreżentat mill-President tal-Kummissjoni u l-miżuri interni li qed jiġu implimentati mill-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza, lill-Kunsill, lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jeżaminaw il-miżuri l-oħrajn li jinsabu f'dak id-dokument kif ukoll miżuri ulterjuri, abbażi tat-trattati eżistenti, bil-ħsieb tat-titjib inter alia ta' l-ippjanar strateġiku u l-koerenza bejn l-istrumenti varji ta' politika esterna ta' l-Unjoni kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u bejn dawn ta' l-aħħar u l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew jirringrazzja lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-ittra tiegħu dwar is-segwitu tal-mandati li jirriżultaw mil-Laqgħa Informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern f'Hampton Court. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew tenna l-appoġġ sħiħ tiegħu għar-rwol u l-azzjoni tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

33. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza, lill-Kunsill, lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex imexxu l-ħidma 'l quddiem u jaqbel li l-ewwel rendikont fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għandu jingħata fi tmiem il-Presidenza Finlandiża.

***(d) It-titjib tal-funzjonament ta' l-Unjoni***

34. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar numru ta' miżuri maħsuba biex isaħħu l-funzjonament ta' l-Unjoni billi jsir użu sħiħ mill-possibbiltajiet offruti mit-trattati eżistenti. Dan jinkludi l-ftuħ tal-ħidma tal-Kunsill u li jkunu ċċarati aktar ir-responsabbiltajiet rispettivi tad-diversi atturi fil-ħidma ta' l-Unjoni.

35. Li ċ-ċittadini jingħataw għarfien dirett fl-attivitajiet ta' l-UE huwa prerekwiżit biex tiżdied il-fiduċja u l-kunfidenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jaqbel li jiftaħ aktar il-ħidma tal-Kunsill u jadotta **politika globali dwar it-trasparenza** (Anness I). B'mod partikolari, id-deliberazzjonijiet kollha tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' ko-deċiżjoni għandhom issa jkunu pubbliċi. Huwa jitlob lill-Kunsill sabiex jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tal-politika l-ġdida u sabiex jirrevedi l-implimentazzjoni tagħhom fi żmien sitt xhur bil-għan li ssir valutazzjoni ta' l-impatt tagħhom fuq l-effettività tal-ħidma tal-Kunsill.

36. Minħabba l-importanza tal-prinċipji ta' **sussidjarjetà u ta' proporzjonalità**, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva meħuda mill-Presidenza Awstrijaka biex torganizza konferenza dwar is-sussidjarjetà f'St. Pölten fit-18/19 ta' April 2006, bħala segwitu għall-konferenza tas-sena li għaddiet fl-Aja. L-ideat żviluppati f'dawn il-konferenzi għandhom jiġu eżaminati u Presidenzi futuri huma inkoraġġuti jmexxu din il-ħidma 'l quddiem.

37. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-interdipendenza tal-proċessi leġislattivi Ewropej u nazzjonali. Huwa għalhekk jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel il-proposti l-ġodda u d-dokumenti ta' konsultazzjoni kollha disponibbli direttament lill-parlamenti nazzjonali, u jistidinhom jirreaġġixxu sabiex itejbu l-proċess ta' formulazzjoni ta' politika. Il-Kummissjoni hija mitluba tikkunsidra debitament il-kummenti magħmula minn parlamenti nazzjonali – b'mod partikolari rigward il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Il-parlamenti nazzjonali huma inkoraġġuti jsaħħu l-kooperazzjoni fi ħdan il-qafas tal-Konferenza tal-Kumitati ta' l-Affarijiet Ewropej (COSAC) fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.

38. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll li l-kunfidenza taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew tista' tibbenefika minn leġislazzjoni Ewropea li tirrifletti b'aktar saħħa l-valur miżjud ta' l-azzjoni ta' l-UE. Għalhekk hu jistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni Ewropea biex jikkontrollaw b'mod konsistenti l-applikazzjoni korretta tal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti fil-Protokoll dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

39. Il-Kunsill Ewropew jilqa' bl-istess mod ir-riżultat pożittiv tad-diskussjonijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-komitoloġija, li se jipprovdi għal soluzzjoni orizzontali u sodisfaċenti. Id-dispożizzjonijiet miftiehma l-ġodda ser isaħħu l-iskrutinju tal-leġislatur rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni f'ambiti soġġetti għal kodeċiżjoni, b'hekk itejbu l-proċeduri ta' **komitoloġija**.

40. Sar progress mill-aħħar laqgħa fl-oqsma kollha ta' **Regolamentazzjoni Aħjar** u l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri kollha huma mħeġġa jimplimentaw l-impenji rispettivi tagħhom kif imniżżla fil-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-2003 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġi. Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Istati Membri biex jieħdu inizjattivi fil-livell nazzjonali, inkluż permezz tal-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom, sabiex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq l-intrapriżi. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-progress li sar fuq livell nazzjonali u Komunitarju sa mill-bidu ta' l-2007. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa għandu jasal għal konklużjonijiet dwar aktar passi li għandhom jittieħdu. Għandha tingħata prijorità għat-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi żejda, li jirrappreżentaw ostakolu sinifikanti għal ekonomija aktar innovattiva u ta' tagħrif intensiv u li huma partikolarment ta' ħsara għall-SMEs. Waqt li ġie nnutat li xi Stati Membri diġà ffissaw miri biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'25%, il-Kunsill Ewropew hu konvint li għandu jkun possibbli li jiġu ffissati miri simili fuq livell ta' l-UE u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti xierqa sa kmieni fl-2007 fil-ħin għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

41. Il-Kunsill Ewropew jilqa':

- aktar pedamentazzjoni ta' l-użu tal-**valutazzjonijiet ta' l-impatt integrati** globali fit-tfassil ta' deċiżjonijiet fil-ħidma ta' l-istituzzjonijiet kollha bħala element kruċjali fil-proċess ta' tfassil ta' linji politiċi;
- l-implimentazzjoni tal-**programm għas-semplifikazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti** tal-Kummissjoni. Huwa jistenna bil-ħerqa li jirċievi rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni fit-tieni nofs ta' l-2006 u jitlob li l-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill jagħtu prijorità lil proposti ta' semplifikazzjoni speċifiċi. Huwa jenfasizza wkoll l-importanza li l-programm ta' semplifikazzjoni jiġi estiż għall-fergħat rilevanti kollha ta' l-ekonomija Ewropea, b'rispett għall-*acquis communautaire*;
- il-konklużjoni b'suċċess ta' l-**eżerċizzju ta' screening** tal-Kummissjoni ta' l-2005 u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tagħmel screening tal-proposti pendenti.

## III. <u>ĦARSA LEJN IL-FUTUR</u>

### *(a) Inkomplu bir-riforma: it-Trattat Kostituzzjonali*

42. Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fis-16/17 ta' Ġunju 2005, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li jerġgħu lura għall-kwistjoni tar-ratifika tat-Trattat Kostituzzjonali fl-ewwel nofs ta' l-2006 sabiex issir valutazzjoni globali tad-dibattiti nazzjonali mnedija bħala parti mill-perijodu ta' riflessjoni u biex jaqblu dwar kif wieħed għandu jipproċedi.

43. Minn Ġunju li għadda ħames Stati Membri oħra rratifikaw it-Trattat Kostituzzjonali, b'hekk in-numru totali ta' ratifiki tela' għal ħmistax. Żewġ Stati Membri ma setgħux jirratifikaw, u tmienja għad iridu jikkompletaw il-proċess ta' ratifika, wieħed minn dawn nieda reċentement il-proċess f'dak is-sens. Hu ttamat li dan il-proċess jiġi mitmum b'mod konformi mal-konklużjonijiet ta' Ġunju 2005.

44. Filwaqt li jfakkar il-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2005, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattivi diversi meħuda fil-qafas tad-dibattiti nazzjonali kif ukoll il-kontributi tal-Kummissjoni u tal-Parlament għall-perijodu ta' riflessjoni. Għandhom jitkomplew l-isforzi konsiderevoli magħmula biex jiżdied u jitwessa' d-djalogu maċ-ċittadini ta' l-Ewropa, inkluża l-inizjattiva tal-Pjan D tal-Kummissjoni.

45. Il-perijodu ta' riflessjoni kien globalment utli biex jippermetti lill-Unjoni tivvaluta l-ħsibijiet u t-tħassib espressi matul il-proċess ta' ratifika. Hu jikkonsidra li, b'mod parallel mal-proċess ta' ratifika li għaddej, ħidma ulterjuri, li tibni fuq dak li nkiseb minn Ġunju li għadda 'l hawn, hi meħtieġa qabel ma jkunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-futur tat-Trattat Kostituzzjonali.

46. Wara l-perijodu ta' riflessjoni tas-sena li għaddiet il-ħidma issa għandha tiffoka fuq il-kisba ta' riżultati konkreti u l-implimentazzjoni ta' proġetti. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar approċċ fuq żewġ binarji. Minn naħa waħda, għandu jsir l-aħjar użu mill-possibbiltajiet offruti mit-trattati eżistenti sabiex jinkisbu r-riżultati konkreti li ċ-ċittadini jistennew.

47. Min-naħa l-oħra, il-Presidenza se tippreżenta rapport lill-Kunsill Ewropew matul l-ewwel semestru ta' l-2007, abbażi ta' konsultazzjonijiet estensivi ma' l-Istati Membri. Dan ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni ta' l-istat tad-diskussjoni fir-rigward tat-Trattat Kostituzzjonali u għandu jesplora żviluppi futuri possibbli.

48. Ir-rapport se jkun sussegwentement eżaminat mill-Kunsill Ewropew. Ir-riżultat ta' dan l-eżami għandu jservi bħala l-bażi għal aktar deċiżjonijiet dwar kif għandu jitkompla l-proċess ta' riforma, waqt li hu mifhum li l-passi meħtieġa għal dak il-għan se jkunu ttieħdu mhux aktar tard mit-tieni semestru ta' l-2008. Kull Presidenza fil-kariga mill-bidu tal-perijodu ta' riflessjoni 'l hawn għandha responsabbiltà partikolari biex tiżgura l-kontinwità ta' dan il-proċess.

49. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ għall-adozzjoni, fil-25 ta' Marzu 2007 f'Berlin, ta' dikjarazzjoni politika mill-mexxejja ta' l-UE, li tistabbilixxi l-valuri u l-ambizzjonijiet ta' l-Ewropa u li tikkonferma l-impenn kondiviż tagħhom li jwettquhom, b'tifkira tal-50 sena mit-Trattati ta' Ruma.

***(b) Tkabbir***

50. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tad-diskussjonijiet inizjali dwar it-tkabbir li saru fil-laqgħa informali tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin f'Salzburg fil-11 ta' Marzu u fi Klosterneuburg fis-27/28 ta' Mejju 2006. Huwa qabel li jkompli u li japprofondixxi din id-diskussjoni ġenerali matul it-tieni nofs ta' l-2006.

51. It-tkabbir wera ruħu bħala opportunità storika li tikkontribbwixxi għall-iżgurar tal-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt kif ukoll għat-tkattir u l-prosperità fl-Unjoni Ewropea in ġenerali. It-tkabbir bl-istess mod qiegħed jgħin lill-UE ssir ekonomija aktar kompettitiva u dinamika u li ssir preparata aħjar biex tilqa' l-isfidi ta' dinja globalizzata u li qed tinbidel. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-suċċess ekonomiku tal-ħames tkabbir storiku ta' l-Unjoni, li l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija hija parti integrali minnu.

**Il-Bulgarija u r-Rumanija**

52. Huwa l-objettiv komuni ta' l-Unjoni li tilqa' lill-Bulgarija u lir-Rumanija f'Jannar 2007 bħala membri ta' l-Unjoni jekk ikunu lesti. Abbażi tar-Rapport ta' Monitoraġġ tal-Kummissjoni ta' Mejju 2006, il-Kunsill Ewropew jikkonferma din il-pożizzjoni. Waqt li jfaħħar liż-żewġ pajjiżi għall-isforzi ta' riforma meħuda dan l-aħħar, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Bulgarija u lir-Rumanija biex isaħħu b'mod rigoruż l-isforzi tagħhom biex jittrattaw b'mod deċiżiv u mingħajr dewmien il-kwistjonijiet ta' tħassib li baqa' kif imsemmi fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Mejju 2006. Il-Kunsill Ewropew jibqa' konvint li, bir-rieda politika meħtieġa, iż-żewġ pajjiżi jistgħu jegħlbu n-nuqqasijiet innotati sad-data ta' adeżjoni prevista fl-1 ta' Jannar 2007. Huwa għalhekk jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta r-rapporti tagħha li jmiss dwar il-monitoraġġ l-aktar tard sal-bidu ta' Ottubru. Huwa jinkoraġġixxi lill-Istati membri biex ikomplu r-ratifika tat-Trattat ta' Adeżjoni fil-ħin.

**Kwistjonijiet ġenerali dwar il-futur tat-tkabbir**

53. Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid li se jirrispettaw l-impenji eżistenti u enfasizza li għandu jsir kull sforz biex tkun protetta l-koeżjoni u l-effettività ta' l-Unjoni. Se jkun importanti li fil-futur jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tiffunzjona politikament, finanzjarjament u istituzzjonalment hi u tikber, u tapprofondixxi aktar il-proġett komuni ta' l-Ewropa. Għalhekk il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru 2006, se jkollu dibattitu dwar l-aspetti kollha ta' tkabbir ieħor, inkluż il-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi membri ġodda u aktar mezzi ta' titjib tal-kwalità tal-proċess tat-tkabbir abbażi ta' l-esperjenzi pożittivi akkumulati s'issa. Huwa jfakkar f'dan il-kuntest li l-pass tat-tkabbir għandu jieħu kont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' l-Unjoni. Il-Kummissjoni hija mistiedna tipprovdi rapport speċjali dwar l-aspetti rilevanti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċità ta' assorbiment ta' l-Unjoni, fl-istess ħin li tippreżenta r-rapporti ta' progress annwali dwar it-tkabbir u l-proċess ta' qabel l-adeżjoni. Din l-analiżi speċifika għandha tkopri wkoll il-kwistjoni tal-perċezzjoni preżenti u futura tat-tkabbir miċ-ċittadini u għandha tieħu kont tal-ħtieġa li jiġi spjegat b'mod adegwat il-proċess ta' tkabbir lill-pubbliku fl-Unjoni.

**It-Turkija**

54. Il-Kunsill Ewropew irreveda l-progress li sar fl-iscreening ta' l-acquis u jilqa' l-bidu ta' negozjati ta' adeżjoni sostantivi mat-Turkija. It-Turkija hija mistennija tikkondividi l-valuri, l-objettivi u l-ordni legali stabbiliti fit-trattati. L-Unjoni hija impenjata tappoġġa lit-Turkija fl-isforzi tagħha biex tikkonforma ma' l-istandards u l-obbligi ta' sħubija ta' l-Unjoni, inkluż il-kriterji ta' Kopenħagen. Il-Kunsill Ewropew ifakkar, b'mod konformi mal-konklużjonijiet ta' qabel, li n-negozjati attwali huma bbażati fuq il-merti ta' kull pajjiż u li l-mixja tagħhom ser tiddependi fuq il-progress ta' kull pajjiż fit-tħejjija għall-miżuri ta' adeżjoni rigward il-ħtiġiet stabbiliti fil-Qafas ta' Negozjati. Dan jinkludi t-twettiq ta' l-obbligi tat-Turkija taħt il-Ftehim ta' Adeżjoni, u taħt il-Protokoll Addizzjonali, li l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom ser jiġi vvalutati fl-2006 kif miftiehem fid-Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-21 ta' Settembru 2005, kif ukoll l-implimentazzjoni tas-Sħubija ta' Adeżjoni riveduta. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Kunsill se jiżgura, matul l-2006, segwitu dwar il-progress li sar dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha inklużi fid-Dikjarazzjoni msemmija hawn fuq. Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lit-Turkija biex tintensifika l-proċess ta' riforma u biex timplimentah bis-sħiħ u b'mod effikaċi fil-pajjiż kollu, sabiex tiżgura l-irriversabbiltà u s-sostenibbiltà tiegħu kif ukoll il-progress lejn it-twettiq sħiħ tal-kriterji politiċi ta' Kopenħagen inkluż l-impenn lejn relazzjonijiet tajbin mal-ġirien. F'dan il-kuntest, kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv il-proċess ta' riżoluzzjoni paċifika ta' disputi għandha tkun evitata.

**Kroazja**

55. Il-Kunsill Ewropew irreveda l-progress li sar fl-iscreening ta' l-acquis u jilqa' l-bidu ta' negozjati ta' adeżjoni sostantivi mal-Kroazja. Il-Kroazja hija mistennija tikkondividi l-valuri, l-objettivi u l-ordni legali stabbiliti fit-trattati. L-Unjoni hija impenjata tappoġġa lill-Kroazja fl-isforzi tagħha biex tikkonforma ma' l-istandards u l-obbligi ta' sħubija ta' l-Unjoni, inkluż il-kriterji ta' Kopenħagen u relazzjonijiet tajba mal-viċinat. Il-Kunsill Ewropew ifakkar, b'mod konformi mal-konklużjonijiet ta' qabel, li n-negozjati attwali huma bbażati fuq il-merti ta' kull pajjiż u li l-mixja tagħhom ser tiddependi fuq il-progress ta' kull pajjiż fit-tħejjija għall-miżuri ta' adeżjoni rigward il-ħtiġiet stabbiliti fil-Qafas ta' Negozjati. Dan jinkludi t-twettiq ta' l-obbligi taħt il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tas-Sħubija ta' Adeżjoni. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi lill-Kroazja tkompli l-isforzi ta' riforma tagħha u biex tikseb progress sostenibbli lejn it-twettiq ta' l-istandards ta' l-UE.

### *(ċ) Il-Balkani tal-Punent*

56. Il-Kunsill Ewropew irrikonferma l-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent kif stabbilit fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, l-Aġenda ta' Tessaloniki u d-Dikjarazzjoni ta' Salzburg ta' Marzu 2006. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew ikkonferma li l-futur tal-Balkani tal-Punent jinsab fl-Unjoni Ewropea. Il-progress ta' kull pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea ser ikompli jiddependi fuq il-merti individwali fl-ilħuq tal-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet stabbiliti fil-kriterji ta' Kopenħagen u fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, inkluż kooperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY u ż-żamma tar-relazzjonijiet tajbin mal-ġirien. Il-pajjiż kollha tal-Balkani tal-Punent fl-aħħar sena għamlu passi sinifikanti fi triqthom lejn l-UE, bis-sħubija fl-UE bħala l-mira aħħarija b'mod konformi ma' l-Aġenda ta' Tessaloniki. Il-Kunsill laqa' l-progress inizjali li sar fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Balkani tal-Punent fi Triqthom lejn l-UE: il-konsolidazzjoni ta' l-istabbiltà u ż-żieda tal-prosperità". L-Unjoni Ewropea ser tkompli tassisti lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent permezz ta' miżuri prattiċi biex jagħmlu l-perspettiva Ewropea aktar tanġibbli u qed tistenna bil-ħerqa riżultati konkreti fil-futur qrib b'mod partikolari f'oqsma bħall-kummerċ reġjonali liberu u l-faċilitazzjoni tal-viża b'mod konformi ma' l-approċċ komuni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li testendi u tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn fil-Balkani tal-Punent bil-ħsieb li jittieħdu miżuri xierqa li jimmiraw lejn faċilità finanzjarja għall-Balkani tal-Punent.

o

o o

## RELAZZJONIJIET ESTERNI

57. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li huwa jagħti lill-**Politika Ewropea tal-Viċinat** bħala mezz biex isaħħaħ il-kooperazzjoni mal-ġirien tiegħu u jespandi l-prosperità, l-istabbiltà u s-sigurtà lil hinn mill-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Politika Ewropea tal-Viċinat tfittex li tappoġġa r-riformi politiċi u ekonomiċi ta' pajjiżi ġirien abbażi ta' sħubija u li tibni fuq valuri kondiviżi. L-Unjoni hija determinata ssaħħaħ u tiżviluppa aktar il-Politika tal-Viċinat tagħha, b'hekk toffri relazzjoni dejjem aktar mill-qrib u appoġġ sostanzjali, hekk kif pajjiżi ġirien jissodisfaw l-impenn tagħhom li jirriformaw.

58. Il-Kunsill Ewropew jagħti importanza kbira lil kooperazzjoni siewja bejn l-Unjoni Ewropea u l-**Kunsill ta' l-Ewropa** u jinkoraġġixxihom jegħlbu d-diffikultajiet li baqa' fin-negozjati li għaddejja dwar memorandum ta' fehim. Huwa jesprimi l-apprezzament tiegħu lill-Prim Ministru Jean-Claude Juncker għar-rapport tiegħu dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Unjoni Ewropea, li jistħoqqilhom konsiderazzjoni akbar.

59. Il-Kunsill Ewropew adotta Dikjarazzjonijiet dwar il-**Balkani tal-Punent** (l-Anness II), l-**Iran** (l-Anness III), l-**Iraq** (l-Anness IV), il-**Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani** (l-Anness V), l-**Afrika** (l-Anness VI), il-**Lebanon** (l-Anness VII) u t-**Timor-Leste** (Anness VIII).

60. Il-Kunsill Ewropew jendorsja r-rapport tal-Presidenza dwar il-**PESD** (10418/06), li jinkludi l-mandat għall-Presidenza l-ġdida.

**ANNESS I**

# POLITIKA GLOBALI DWAR IT-TRASPARENZA

Bil-ħsieb li jiżdiedu aktar l-aċċessibbiltà, it-trasparenza u l-kontabbiltà, il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar il-miżuri li ġejjin li jimmiraw lejn involviment akbar taċ-ċittadini fil-ħidma ta' l-Unjoni:

- Id-deliberazzjonijiet kollha tal-Kunsill dwar atti leġislattivi li għandhom jiġu adottati għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku hekk kif il-voti u l-ispjegazzjoni tal-voti mill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill jew il-Coreper jistgħu jiddeċiedu f'każijiet individwali li deliberazzjoni partikolari m'għandhiex tkun miftuħa għall-pubbliku.

- L-ewwel deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar atti leġislattivi minbarra dawk adottati bil-ko-deċiżjoni li, minħabba l-importanza tagħhom, huma ppreżentati oralment mill-Kummissjoni f'sessjoni tal-Kunsill, għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku. Il-Presidenza tista' tiddeċiedi f'każijiet individwali li deliberazzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill dwar att partikolari għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku, ħlief jekk il-Kunsill jew il-Coreper jiddeċiedi mod ieħor.

- Il-Kunsill għandu regolarment iwettaq dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet importanti li jaffetwaw l-interessi ta' l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha. Tali dibattiti ser jitwettqu wara deċiżjoni mill-Kunsill jew il-Coreper, li jaġixxu b'maġġoranza kwalifikata. L-implimentazzjoni ta' dan l-impenn għandha tibda matul il-Presidenza li jmiss, li għandha tissottometti proposti għal tali dibattiti pubbliċi b'kont meħud ta' l-importanza tal-kwistjoni u l-interess tagħha għaċ-ċittadini.

- Id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni dwar il-programm ta' 18-il xahar għandhom ikunu pubbliċi, hekk kif għandhom ikunu pubbliċi deliberazzjonijiet ta' formazzjonijiet oħra tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tagħhom. Il-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-programm ta' ħames snin tagħha, tal-programm ta' ħidma annwali tagħha u ta' l-istrateġija ta' politika annwali tagħha, kif ukoll id-dibattitu li jirriżulta, għandhom ikunu pubbliċi.

- Id-deliberazzjonijiet pubbliċi kollha għandhom ikunu mxandra fil-lingwi kollha permezz ta' *video-streaming* u għandhu jkun hemm l-obbligu li verżjoni reġistrata għandha tibqa' disponibbli għall-inqas għal xahar fuq is-sit ta' l-internet tal-Kunsill.

- Il-Presidenza li jmiss hija mistiedna, flimkien mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, sabiex tiżviluppa mezzi ġodda biex tingħata aktar pubbliċità lil dibattiti pubbliċi, b'mod partikolari permezz tas-sit ta' l-internet tal-Kunsill u lista tal-posta, lista faċilment aċċessibbli u aġġornata kontinwament ta' dibattiti li jkunu ġejjin, materjal ta' l-isfond adattat, kif ukoll komunikazzjoni diretta lil udjenzi ta' mira. Huma ser jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex jipprovdu lill-medja u liċ-ċittadini b'servizz ta' komunikazzjoni miftuħ, rapidu u teknikament avvanzat.

- Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jinforma lill-pubbliku bil-quddiem dwar id-dati u l-ħin approssimattiv meta jkunu ser iseħħu d-dibattiti pubbliċi u għandu jieħu l-miżuri prattiċi kollha sabiex jiżgura l-implimentazzjoni adatta tar-regoli ta' trasparenza.

**ANNESS II**

## DIKJARAZZJONI DWAR IL-BALKANI TAL-PUNENT

Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-aġenda stabbilita fis-Summit ta' Tessaloniki fl-2003 u għall-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Serbja paċifika u prospera, integrata bis-sħiħ fil-familja ta' nazzjonijiet Ewropej hija importanti ħafna għall-istabbiltà fir-reġjun. Il-Kunsill Ewropew, għalhekk, ifakkar li l-Unjoni Ewropea hija lesta tkompli n-negozjati mas-Serbja dwar Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni hekk kif tintlaħaq kooperazzjoni sħiħa mis-Serbja ma' l-ICTY.

L-Unjoni tkompli tappoġġa t-taħdidiet li għaddejjin dwar l-istatus futur tal-Kosovo mmexxija mill-Mibgħut tan-NU Martti Ahtisaari u tenfasizza l-importanza kruċjali ta' l-avvanz fl-implimentazzjoni ta' l-istandards fil-Kosovo. F'konsultazzjoni mill-qrib ma' atturi internazzjonali ċentrali, l-Unjoni Ewropea hija lesta li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fil-Kosovo wara determinazzjoni ta' status, b'mod partikolari fl-oqsma tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-ekonomija.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha diġà ftiehmu li jiżviluppaw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-Montenegro bħala Stat sovran u indipendenti. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ kemm lis-Serbja kif ukoll lill-Montenegro biex isegwu djalogu dirett u kostruttiv dwar ir-relazzjonijiet futuri tagħhom.

L-Unjoni Ewropea se tkompli tassisti lill-Bosnja u Ħerzegovina fl-iżgurar ta' stabbiltà u progress dwar riformi ċentrali. Hija tħeġġeġ lill-awtoritajiet Bosnijaċi biex jiżguraw progress reali u tanġibbli fl-implimentazzjoni ta' riforma tal-pulizija sabiex iżommu l-momentum fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-proċediment tar-riforma kostituzzjonali.

Il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-partijiet kollha f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex tiżgura li l-elezzjonijiet parlamentari tal-5 ta' Lulju jitmexxew b'mod konformi ma' standards internazzjonali.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iffirmar tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-Albanija u jsejjaħ lill-Albanija biex tkompli bl-aġenda ta' riforma tagħha.

Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi bil-qawwa kooperazzjoni reġjonali inkluż permezz tal-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk (SEECP). Huwa jilqa' l-inizjattiva għal żona reġjonali ta' kummerċ ħieles imnedija f'Bukarest fis-6 ta' April, kif ukoll l-iffirmar tal-ftehim dwar Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea mal-pajjiżi tar-reġjun fid-9 ta' Ġunju, u l-progress li sar fil-proċess ta' ratifika tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija għall-Ewropa tax-Xlokk.

L-Unjoni Ewropea se tkompli tappoġġa l-linji politiċi tagħha għall-Balkani tal-Punent b'assistenza finanzjarja proporzjonata, b'mod partikolari permezz ta' l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni li għandu jiġi introdott is-sena li ġejja.

Il-Kunsill Ewropew huwa konxju li l-kwistjoni tal-faċilitazzjoni tal-viża hija partikolarment importanti għan-nies tal-pajjiżi tar-reġjun. L-Unjoni Ewropea għalhekk tittama li tadotta mandati ta' negozjati għall-faċilitazzjoni tal-viża u ftehim ta' riammissjoni matul din is-sena, b'mod konformi ma' l-approċċ komuni għall-iżvilupp tal-politika ta' l-UE dwar il-faċilitazzjoni tal-viża miftiehem f'Diċembru 2005, sabiex in-negozjati jkunu jistgħu jiġu konklużi malajr kemm jista' jkun, idealment fl-2007 jew aktar kmieni fejn possibbli.

________________________

**ANNESS III**

## DIKJARAZZJONI DWAR L-IRAN

Il-Kunsill Ewropew tenna l-impenn tiegħu għal soluzzjoni diplomatika li tindirizza tħassib internazzjonali dwar il-programm nukleari ta' l-Iran waqt li jafferma d-dritt ta' l-Iran għall-użu paċifiku ta' l-enerġija nukleari skond it-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva importanti tar-Rappreżentant Għoli ta' l-UE, tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' Franza, tal-Ġermanja, tar-Renju Unit, taċ-Ċina, tal-Federazzjoni Russa u ta' l-Istati Uniti, miftiehma fi Vjenna fl-1 ta' Ġunju 2006. Il-Kunsill Ewropew jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-approċċ bilanċjat inkorporat fl-inizjattiva ta' Vjenna, u jinkoraġġixxi lill-Iran tieħu t-triq pożittiva offruta.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-laqgħat bejn ir-Rappreżentant Għoli ta' l-UE Javier Solana, akkumpanjat mir-rappreżentanti ta' Franza, tal-Ġermanja, tar-Renju Unit u tal-Federazzjoni Russa, ma' l-awtoritajiet Iranjani f'Tehran fis-6 ta' Ġunju, u l-atmosfera kostruttiva li fiha saret din iż-żjara.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Iran jagħti rispons pożittiv bikri għal din l-inizjattiva ambizzjuża u joħloq il-kondizzjonijiet li fihom jistgħu jitkomplew in-negozjati.

**ANNESS IV**

## DIKJARAZZJONI DWAR L-IRAQ

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-formazzjoni tal-gvern Iraqi ġdid ta' unità nazzjonali fl-20 ta' Mejju, issa kkompletat bil-ħatra tal-Ministri għad-Difiża, l-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. Dan huwa pass kbir u importanti li jkompli t-trasformazzjoni ta' l-Iraq f'pajjiż demokratiku. L-Unjoni Ewropea ttenni l-kundanna qawwija tagħha ta' atti terroristiċi u tiddeplora l-kampanja kontinwa ta' vjolenza kontra l-poplu ta' l-Iraq u l-gvern tiegħu elett b'mod kostituzzjonali. Hija ssejjaħ liċ-ċittadini kollha ta' l-Iraq biex jevitaw konflitti settarji u jżommu lura milli jużaw il-vjolenza, li jtawlu s-sofferenza tal-poplu ta' l-Iraq. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta biex iġġedded l-impenn tagħha mal-gvern Iraqi ġdid u ċ-ċittadini ta' l-Iraq fl-isforzi tagħhom biex iġibu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità għal Iraq indipendenti u sovran.

IL-Kunsill Ewropew jilqa' l-programm tal-gvern ġdid għall-impenn tiegħu biex iżomm l-istat tad-dritt, jippromwovi l-unità nazzjonali u r-rikonċiljazzjoni, jipproteġi u jiżviluppa r-riżorsi ta' l-Iraq u jużahom għall-benefiċċju tal-poplu kollu ta' l-Iraq.

L-Unjoni Ewropea tistenna bil-ħerqa djalogu politiku rapidu u bikri mal-gvern il-ġdid.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-ittra konġunta mis-SĠ/RGħ Javier Solana u l-Kummissarju Ferrero-Waldner. L-Unjoni Ewropea tistenna bil-ħerqa li ssegwi impenn imsaħħaħ mal-gvern il-ġdid fil-livelli rilevanti kollha. Per eżempju, l-UE għandha l-intenzjoni li tappoġġa lill-Iraq fl-oqsma li ġejjin:

– Tendorsja mudell ta' gvern demokratiku li jegħleb id-diviżjonijiet, p.e. permezz ta' appoġġ għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-proċess ta' reviżjoni kostituzzjonali b'kooperazzjoni mill-qrib man-NU. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew laqa' d-Djalogu bejn Bosta Partiti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-karta ta' drittijiet ta' l-Iraq fi Vjenna mis-6 sat-8 ta' Ġunju.

- Tikkontribwixxi lejn l-istat tad-dritt u kultura ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, p.e. permezz ta' assistenza Komunitarja f'dawn l-oqsma. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jinnota l-ftehim biex tiġi estiża l-Missjoni Integrata ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX, għal 18-il xahar ieħor wara d-data ta' għeluq tal-mandat attwali bi tweġiba għall-ħtiġijiet u t-talbiet Iraqini.

- Tappoġġa l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fit-titjib ta' l-għoti ta' servizzi bażiċi u fil-promozzjoni ta' ħolqien ta' l-impjiegi.

- Tappoġġa l-irkuprar u l-prosperità ekonomika ta' l-Iraq, per eżempju billi tagħti bidu għan-negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u billi tibda djalogu tekniku dwar l-enerġija.

- Tippromwovi l-iżvilupp ta' kwadru amministrattiv effettiv u trasparenti.

- Iżżid il-presenza tagħha fl-Iraq permezz tal-ħatra imminenti tal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-Iraq.

Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi l-impenn internazzjonali msaħħaħ u jissottolinja d-disponibbiltà ta' l-UE biex tkompli tappoġġa r-rwol tan-NU fl-Iraq.

**ANNESS V**

## DIKJARAZZJONI DWAR IL-PROĊESS TA' PAĊI FIL-LVANT NOFSANI

L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li taħdem fi ħdan il-Kwartett lejn l-għan ta' soluzzjoni ġusta, vijabbli u dejjiema abbażi ta' ftehim eżistenti, ir-riżoluzzjonijiet rilevanti ta' l-UNSC u l-prinċipji stabbiliti fir-Roadmap.

Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti biex jitnieda mill-ġdid il-proċess lejn soluzzjoni negozjata ta' żewġ stati li ġġib il-paċi kemm lill-poplu Iżraeljan kif ukoll lil dak Palestinjan, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa għal impenn bikri bejn il-Prim Ministru Iżraeljan u l-President ta' l-Awtorità Palestinjana, li ġie elett fuq pjattaforma ta' paċi. Huwa jtenni l-istennijiet tiegħu miż-żewġ partijiet li jirrispettaw l-ftehim u l-obbligi eżistenti, inkluż ir-Roadmap.

Kif stipulat mill-Kwartett, il-Gvern Palestinjan immexxi mill-Hamas jeħtieġ jissodisfa u jimplimenta t-tliet prinċipji ta' non-vjolenza, rikonoxximent tad-dritt ta' l-Iżrael li jeżisti u aċċettazzjoni ta' ftehim u obbligi eżistenti.

Il-Kunsill Ewropew jibqa' mħasseb bis-sitwazzjoni ta' sigurtà f'Gaża u x-Xatt tal-Punent. Huwa jikkundanna l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili Palestinjana. Huwa jikkundanna l-illanċjar ta' rokits Qassem kontra ċentri tal-popolazzjoni fl-Iżrael. Huwa jfakkar liż-żewġ partijiet bir-responsabbiltà tagħhom li jipproteġu ħajjiet ċivili. Huwa jagħmel sejħa lill-Awtorità Palestinjana biex tieħu azzjoni għat-titjib tas-sigurtà u l-prevenzjoni ta' attakki terroristiċi fuq l-Iżrael. Huwa jtenni l-kundanna tiegħu għal qtil extra-ġudizzjarji. Huwa jitlob lill-partijiet kollha biex iżommu lura mill-vjolenza u biex jeżerċitaw trażżin.

Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-forzi politiċi Palestinjani kollha biex jidħlu fi djalogu nazzjonali mmirat primarjament biex itemm il-konfront inter-Palestinjan u jistabbilixxi l-ordni pubblika. Huwa jagħmel sejħa lill-gvern Palestinjan biex jikkoopera mal-President ta' l-Awtorità Palestinjana biex dan jinkiseb, inkluż permezz tad-diżarm ta' gruppi involuti fil-vjolenza u t-terroriżmu.

Il-Kunsill Ewropew jieħu nota ta' l-aħbar mill-President Abbas li ser jinżamm referendum. Huwa jsejjaħ lill-forzi politiċi Palestinjani kollha biex jaħdmu lejn l-aktar kunsens wiesa' possibbli b'appoġġ għall-objettivi tar-Roadmap.

Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Iżrael biex jieqaf minn kwalunkwe azzjoni li thedded l-vijabbiltà ta' soluzzjoni miftehma ta' żewġ Stati u minn atti li jmorru kontra d-dritt internazzjonali. Ta' tħassib partikolari huma l-attivitajiet ta' insedjament, il-kostruzzjoni tal-barriera fuq art Palestinjana u l-attivitajiet fi u madwar Ġerusalemm tal-Lvant kif ukoll fil-Wied tal-Ġordan. L-Unjoni Ewropea mhi ser tirrikonoxxi l-ebda bidla fil-fruntieri eżistenti qabel l-1967 ħlief għal dawk li sar qbil fuqhom miż-żewġ naħat.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Iżrael biex jerġa' jibda t-trasferimenti ta' dħul mit-taxxi u mid-dwana Palestinjan li huma essenzjali biex tiġi evitata kriżi fit-territorji Palestinjani.

Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa għal rispons internazzjonali koordinat għad-deterjorament tas-sitwazzjoni umanitarja, ekonomika u finanzjarja fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża.

Il-Kunsill Ewropew jendorsja mekkaniżmu internazzjonali temporanju propost biex iwassal l-assistenza direttament lill-poplu Palestinjan, li ġie mfassal mill-Kummissjoni wara konsultazzjonijiet fi ħdan l-UE kif ukoll ma' membri tal-Kwartett, donaturi maġġuri, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u msieħba fir-reġjun. Il-Kunsill Ewropew japprezza l-ħidma tal-Kummissjoni s'issa u jitlobha tkompli tistabbilixxi b'urġenza l-mekkaniżmu, flimkien ma' membri tal-Kwartett, imsieħba internazzjonali ewlenin oħra u l-Uffiċċju tal-President ta' l-AP.

Il-Kunsill Ewropew jaqbel li, sabiex jinkiseb impatt immedjat, il-mekkaniżmu ser jiffoka fuq provvisti u spejjeż ta’ l-operat essenzjali għas-servizzi soċjali u s-saħħa, provvista ta' utilitajiet inkluż karburanti, u allowances soċjali. Donaturi oħrajn, inklużi Stati Għarab, huma mistiedna li jipprovdu finanzjament u li jikkunsidraw kontribuzzjonijiet bikrija u sostanzjali. Il-Kommunità hija lesta tikkontribbwixxi ammont sostanzjali għall-mekkaniżmu internazzjonali.

Il-Kunsill Ewropew barra dan jissottolinja l-importanza tal-libertà tal-moviment u jħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex jieħdu passi konkreti biex jimplimentaw l-obbligi tagħhom skond il-Ftehim dwar il-Moviment u l-Aċċess, sabiex tittaffa s-sitwazzjoni li qiegħda tmur għall-agħar fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża.

Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li jiġi ppreservat u mfittex il-funzjonament demokratiku ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Awtorità Palestinjana li l-kontinwità tagħha hija kruċjali għal Stat Palestinjan futur indipendenti, demokratiku u vijabbli u bbażat fuq l-istat tad-dritt.

**ANNESS VI**

## DIKJARAZZJONI DWAR L-AFRIKA

L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tikkontribwixxi għall-isforzi Afrikani biex tikseb l-Objettivi ta' Żvilupp tal-Millenju, bil-ħsieb li tagħmel il-kontinent Afrikan stabbli u prosperu, b'enfasi partikolari fuq il-prinċipji tas-sħubija, ir-responsabbiltà u l-appartenenza, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, hija ttenni l-importanza ta' Djalogu Politiku msaħħaħ bejn l-UE u l-Afrika, inkluża ż-żamma tat-tieni Summit UE-Afrika f'Lisbona malajr kemm jista' jkun. L-UE qed timplimenta l-Istrateġija ta' l-Afrika adottata f'Diċembru 2005 bħala qafas komprensiv ta' l-attivitajiet tagħha, u ser tkompli l-isforzi tagħha biex tittrasforma l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika fi Strateġija Konġunta. L-istrateġija tagħmel enfasi partikolari fuq l-involviment ta' l-UE għall-paċi u s-sigurtà fl-Afrika, bħala bażi għal żvilupp dejjiemi, kif ukoll integrazzjoni reġjonali u ekonomika u assistenza għall-iżvilupp provduta lil pajjiżi msieħba Afrikani. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' d-deċiżjoni meħuda mill-UE u l-pajjiżi AKP fil-Kunsill Konġunt ta' Ministri tat-2 ta' Ġunju rigward il-Protokoll Finanzjarju għall-10 EDF (Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li jkopri l-2008-2013) u ddeċidiet li terġa' tforni għal perijodu qasir il-fondi disponibbli taħt il-Faċilità Afrikana għall-Paċi fil-perijodu 2008 sa l-2010. L-UE ttenni barra minn hekk l-appoġġ tagħha għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bħala strumenti għall-iżvilupp, bil-għan li jsaħħaħ l-integrazzjoni ekonomika reġjonali u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi ta' l-AKP. Barra minn hekk, l-UE tisħaq dwar l-importanza ta' inizjattivi attwali u futuri biex jattwaw sħubija UE-Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. L-UE tfakkar ukoll fl-importanza tal-konklużjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni ambizzjużi, fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, ma' l-imsieħba tagħha Mediterranji.

Fis-Sudan, l-UE ser taħdem għall-implimentazzjoni sħiħa u rapida tal-Ftehim ta' Paċi ta' Darfur (DPA) bħala prekondizzjoni għal paċi u sigurtà dewwiema fid-Darfur u għal tmiem tat-tbatija ta' miljuni ta' persuni fid-Darfur. L-UE tkompli tkun imħassba profondament dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-Darfur u ssejjaħ lill-gvern ta' Khartoum biex iġib fit-tmiem l-impunità billi jġib quddiem il-ġustizzja lil dawk li wettqu reati kriminali fid-Darfur u biex iġib fit-tmiem il-vjolenza kontra persuni spostati internament, speċjalment il-vjolenza sesswali kontra n-nisa u l-bniet. Flimkien ma' msieħba oħrajn fil-komunità internazzjonali, l-UE ser tkompli tipprovdi appoġġ għall-Missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fis-Sudan (AMIS), filwaqt li jittieħed kont tal-kompiti l-ġodda li jirriżultaw mid-DPA, u l-ħtieġa li tiġi żgurata transizzjoni mingħajr xkiel għall-operazzjoni mmexxija min-NU fid-Darfur.

L-UE titlob lill-forzi politiċi kollha fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) biex ikomplu jsegwu triqithom lejn bidla paċifika u demokratika fl-aħħar jiem qabel l-elezzjoni, b'bidu mit-30 ta' Lulju. Filwaqt li tkompli tibni fuq l-impenn li ilu jeżisti ta' l-UE fir-RDK, l-UE ser tiskjera l-operazzjoni militari EUFOR RD Kongo, bi tweġiba għal talba min-Nazzjonijiet Uniti, maħsuba biex tipprovdi appoġġ lill-MONUC f'ċerti sitwazzjonijiet. Għall-istess fini, il-missjoni tal-pulizija ta' l-UE f'Kinshasa (EUPOL Kinshasa) ser tiġi msaħħa. L-UE ser tkompli tappoġġa r-Riforma fis-Settur tas-Sigurtà li għaddej permezz tal-Missjoni EUSEC RDK, kif ukoll inizjattivi ġodda biex jiżguraw governanza tajba, trasparenza u strateġija għal wara t-transizzjoni u ta' rikostruzzjoni. Il-proċess li għaddej biex tiġi żgurata stabbiltà reġjonali permezz taż-żamma bikrija tat-tieni Summit tal-Konferenza tal-Lagi l-Kbar għandu l-appoġġ sħiħ ta' l-UE.

**ANNESS VII**

## DIKJARAZZJONI DWAR IL-LEBANON

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza li jagħti lis-sovranità, l-integrità territorjali, l-għaqda u l-indipendenza tal-Lebanon u jtenni s-sejħa tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1559 tal-Kunsill tas-Sigurtà. Huwa jilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1680 u jagħmel sejħa għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tad-delinjazzjoni tal-fruntiera Sirjana-Lebaniża. F'dan il-kuntest, huwa jsejjaħ lis-Sirja biex taċċetta l-għajnuna offruta mill-gvern Lebaniż wara l-ftehim li ħareġ mid-djalogu nazzjonali Lebaniż. Huwa kuntent li dan id-djalogu nazzjonali nbeda u jinkoraġġixxi lill-partijiet biex ikompluh.

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħidma tal-Kummissjoni Indipendenti ta' Investigazzjoni Internazzjonali fil-qtil ta' Rafik Hariri u l-iskorta tiegħu, u għall-azzjoni tal-kap tagħha, is-Sur Serge Brammertz. Hu jilqa' r-raba' rapport interim tal-Kummissjoni ta' Investigazzjoni, jieħu nota tal-progress li sar fl-investigazzjoni, li hu raġuni għal tama għall-poplu Lebaniż. Hu jilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1686 tal-Kunsill tas-Sigurtà li testendi l-mandat tal-Kummissjoni Indipendenti ta' Investigazzjoni għal sena oħra u jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li testendi aktar l-għajnuna ta' tutorja tagħha għall-investigazzjonijiet li għaddejin fi qtil politiku ieħor li sar fil-Lebanon minn Ottubru 2004 'l hawn. Hu jilqa' l-kooperazzjoni eċċellenti ta' l-awtoritajiet Lebaniżi mal-Kummissjoni Indipendenti ta' Investigazzjoni u jerġa' jsejjaħ lill-partijiet kollha biex jikkooperaw magħha bis-sħiħ u b'mod mhux kondizzjonali.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1664 tal-Kunsill tas-Sigurtà u jesprimi t-tama li n-negozjati javvanzaw rapidament bil-ħsieb għall-istabbiliment attwali tat-tribunal internazzjonali previst f'dik ir-Riżoluzzjoni.

Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-inċidenti gravi li seħħu madwar il-Blue Line fit-28 ta' Mejju, jappella lill-partijiet kollha biex jeżerċitaw trażżin u jfakkarhom fl-obbligu tagħhom li jirrispettaw b'mod strett il-Blue Line, inkluż l-ispazji ta' l-ajru rispettivi. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza għal darba oħra l-ħtieġa għall-Istat Lebaniż biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sovranità tiegħu fuq it-territorju nazzjonali tiegħu kollu u biex jeżerċita d-dritt uniku għall-użu tal-forza fuq dak it-territorju.

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-gvern Lebaniż u jħeġġu jwettaq ir-riformi ekonomiċi u politiċi miftiehma, sabiex il-konferenza internazzjonali biex tappoġġa l-Libanu tkun tista' ssir malajr kemm jista' jkun. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni konkluż fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ser tassisti l-proċess ta' riforma fil-pajjiż.

**ANNESS VIII**

# DIKJARAZZJONI DWAR IT-TIMOR-LESTE

Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar is-sitwazzjoni attwali fit-Timor-Leste. Huwa jappella lill-partijiet kollha sabiex joqogħdu lura minn kwalunkwe vjolenza oħra u jagħmel sejħa għall-istabbiliment mill-ġdid rapidu tad-djalogu politiku, is-sigurtà u l-ordni pubblika li jwasslu għal ritorn lejn in-normalità fil-pajjiż.

Il-Kunsill Ewropew jemmen li n-Nazzjonijiet Uniti jkompli jkollha rwol ta' tmexxija fl-għajnuna għall-poplu tat-Timor-Leste għat-tisħiħ tal-paċi interna u l-istabbiltà sostnuta. Il-ftehim fil-futur qrib tal-mandat ta' missjoni tan-NU ġdida u robusta għat-Timor-Leste, bi tweġiba għall-apettattivi tat-Timoriżi dwar il-faċilitazzjoni tad-djalogu politiku u r-rikonċiljazzjoni kif ukoll dwar l-istabbiliment mill-ġdid u ż-żamma tas-sigurtà, ser ikun ta' importanza kbira sabiex ikun żgurat li l-elezzjonijiet ta' l-2007 jkunu paċifiċi, liberi u ġusti.

L-Unjoni Ewropea hija lesta tkompli tipprovdi għajnuna lill-poplu ta' Timor-Leste għall-konsolidazzjoni ta' l-indipendenza nazzjonali, il-paċi u d-demokrazija. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-assistenza umanitarja tal-Kummissjoni bi tweġiba għall-appell istantanju min-Nazzjonijiet Uniti u d-disponibbiltà tagħha li tikkunsidra miżuri ta' stabbilizzazzjoni taħt il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida.